**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A24-08

25 ta' Novembru 2008

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/24**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ħamis 27 ta' Novembru 2008, fis-6.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Mozzjoni
6. Diskussjoni re *tender* tal-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste and the Hiring of Skips*.
7. Ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill
8. *Tender for the Upgrading Works At* Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira
9. *Tender for the installation & Commissioning of Lifting Platform – Activities Centre – Gżira*
10. Affarijiet Oħra
11. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dott Chris Bonett B.A. LL.D | Marion Monaco |
| Sindku | D/Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

30 ta' Diċembru 2008

Ref Nru.Klg5/024

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/24 li saret il-Ħamis 27 ta' Novembru 2008.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fis-6.30 p.m.

Preżenti

Sitt membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużat:**

Il-Kunsillier Ian Micallef minħabba mpenn ta' xogħol.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-25 ta' Novembru 2008.

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 30 t' Ottubru 2008, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Paġna Nru: 1 wara l-kliem 'anke Il-Kunsill' trid tiżdied il-frażi 'u tkellem ma' Marion Monaco'.

Paġna Nru: 2 – is-sitt paragrafu jinbidlu l-kliem' dan ta' l-aħħar' u minflok isiru 'ċ-*Chairman*'.

Paġna Nru: 3 – para 2.2. titneħħa l-kelma 'l-klabb' u jiżdiedu l-kliem ' l-*Gżira United Football Club*'.

Dawn l-emendi ġew issekondati mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Wara diskussjoni qasira l-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

F'dan l-istadju, s-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill sabiex jiġu trattati tlett ittri li kienu jiffurmaw parti minn *item* 3 ta' l-Agenda – Korrispondenza minħabba l-fatt, li kienu relatati ma' l-ewwel *item* ta' l-*Agenda*.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat *e-mail* mibgħuta mill-Kunsillier Ian Micallef għan-nom ta' sħabu l-Kunsillieri eletti f'isem il-P.N. datata 27 ta' Novembru 2008, fejn kienu qed jipprotestaw għall-fatt, li fl-laqgħa preċedenti tat-30 t'Ottubru 2008, ġew mnizzlin assenti u mhux skużati minkejja li l-laqgħa saret fl-4.00 p.m., li kien waqt il-ħin tax-xogħol tagħhom u li huma qatt ma qablu ma' dan il-ħin.

Inqrat *e-mail* oħra datata 21 ta' Novembru 2008, mibugħta mill-Kunsillier hawn fuq imsemmi, ndirizzata lis-Segretarju Eżekuttiv fejn fiha baqa jsostni li t-tlett Kunsillieri tal-P.N. għandhom jiġu skużati u mhux assenti minħabba li l-laqgħat qed isiru fil-ħinijiet tax-xogħol. Huwa kompla jgħid, li s-Segretarju Eżekuttiv kienet qed tonqos milli tirraporta fedalment il-fatt, li huma lkoll ikunu xogħol waqt il-ħinijiet li fihom kienet qed tissejjaħ il-laqgħa u għalhekk għandhom ikunu skużati. Huwa nforma wkoll, li mis-27 ta' Novembru sa l-4 ta' Diċembru u bejn it-8 ta' Diċembru u t-13 ta' Diċembru 2008, kien ser ikun imsiefer.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li hi ma kienitx qed tonqos għax dejjem rraportat fedalment dak kollu li jkun ġie deċiż waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

Inqrat ukoll *e-mail* mibgħuta mill-Kunsillier Victor Rutter datata 20 ta' Novembru 2008 fejn informa lill-Kunsill li hu ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba li kienet ser issir waqt il-ħin tax-xogħol u dan għaliex l-ewwel *Agenda* li ntbagħtet kienet tgħid, li l-laqgħa ta' Novembru kienet ser issir fis-2.00 p.m.

Il-Kunsillier Victor Rutter qal, li sa mill-ewwel darba li ltaqa' mas-Sindku, hu kien infurmah li ma jkunx jista' jattendi għall-laqgħat jekk dawn isiru waqt il-ħinijiet tax-xogħol liema kommunikazzjoni, hu kien bagħta bil-miktub permezz ta' *e-mail* u għalhekk dan il-fatt japplika għall-laqgħat kollha li ser isiru matul din il-leġislatura.

Il-Viċi-Sindku qal, li skont l-*e-mail* mibgħuta mill-Kunsillier Victor Rutter, dan għandu jitnizzel skużat minħabba l-fatt, li hu kien qed jispjega li ma jistax jattendi għall-laqgħat tal-Kunsill minħabba mpenn ta' xogol madanakollu, meta jikteb il-Kunsillier Ian Micallef dan ikun qed jikteb bħala l-*Minority Leader* u għalhekk, l-*e-mail* tiegħu *supersedes* dawk li jkunu ntbagħtu mill-Kunsillieri tal-P.N.  Huwa żied jgħid li minkejja dan, ma kienx jaqbel li l-attendenza ma tippermettix li jiġu spjegati r-raġunijiet għaliex hu tal-fehma li tiddiskrivi li l-Kunsillieri tal-P.N. ma kienux qed jattendu l-laqgħat bi protesta liema protesta, l-maġġoranza Laburista tirrispetta mija fil-mija.

Iċ-*Chairman* qal, li l-Liġi tippermetti biss li l-Kunsillieri jitnizzlu preżenti, skużati jew assenti.  Huwa kompla jgħid, li din il-problema inqalgħet kemm ilu nieqes il-Kunsillier Albert Rizzo għaliex meta dan kien għadu ħaj, il-Kunsillier Ian Micallef kien jattendi għall-laqgħat anke jekk forsi mhux mill-bidu tagħhom.  Hu ċċara l-fatt, li dak li jikteb il-Kunsillier Ian Micallef jattieh importanza minħabba l-fatt, li jkun qed jikteb bħala l-*Minority Leader*.

F'dan l-istadju, l-Kunsillier Victor Rutter qal, li meta jikteb il-Kunsillier Ian Micallef, dan ikun ikkommunika magħhom ( Kunsillieri tal-P.N.) filwaqt li l-Kunsillier Malcolm Camilleri żied jgħid, li l-protesta kienet qed issir għaliex il-Kunsillieri tal-P.N. ma kienux qed jingħatw l-istess opportunita' bħal l-Kunsillier tal-P.L.

Iċ-*Chairman* għamel referenza għad-diskussjoni li kienet saret fil-laqgħa tad-29 ta' Lulju 2008, fejn din il-materja kienet ġiet trattata u abażi ta' dik id-diskussjoni bħala *Chairman*, hu kien informa li sakemm jintlaħaq ftehim il-laqgħat isiru darba fis-2.00 p.m. u d-darba ta' wara fl-4.00 p.m. u għalhekk kien jeħtieġ biss li jittieħed vot fuq dan il-kommunikat.

Iċ-*Chairman* talab sabiex tiġi sospiża l-Agenda u tiġi trattata *item* Nru: **7 Ħinijiet tal-Laqgħa tal-Kunsill.**

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

## 7. Ħinijiet tal-Laqgħat tal-Kunsill

**7.1.** Iċ-*Chairman* spjega l-każ u qal, li fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-Kunsill, il-laqgħa tal-Kunsill trid issir wara l-ħin tax-xogħol.

Il-Kunsillier Victor Rutter qal, li fil-leġislaturi passati qatt ma kien hemm problemi fuq il-ħin tal-laqgħat tal-Kunsill għaliex dawn kienu jsiru wara l-ħinijiet tax-xogħol.

Iċ-*Chairman* qal, li kulħadd għandu l-esiġenzi tiegħu, iżda jekk hemm rieda, hemm opportunita' ta' ftehim u għalhekk, talab lill-Kunsillieri kollha jressqu l-opinjoni tagħhom.

Il-Viċi-Sindku u ż-żewġ Kunsillieri eletti f'isem il-Partit Laburista qalu, li l-laqgħat għandhom isiru fis-2.00 p.m. filwaqt li l-Kunsillieri eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista qalu li l-laqgħat għandhom isiru fil-5.00 p.m.

In vista ta' l-opinjonijiet mressqa, iċ-*Chairman* ppropona li ssir riżoluzzjoni.

Għalhekk hu qal, li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru fl-aħħar Tlieta jew l-aħħar Ħamis ta' kull xahar skont deċiżjoni tas-Sindku bil-ħinijiet jalternaw, waħda tkun tibda fis-2.00 p.m. u l-laqgħa ta' wara tkun tibda fil-5.00 p.m. Laqgħat t'emerġenza mhux inklużi f'din ir-riżoluzzjoni u dan għaliex, meta ssir aġġudikazzjoni ta' *tender*, jinħatar Kumitat immexxi mis-Sindku u membru minn kull Partit Politiku. Għalhekk, qabel il-laqgħa, l-Kunsillieri jkunu diġa' qablu.

Il-Viċi-Sindku qal, li dawn il-laqgħat huma miftuħa għal kull Kunsillier.

Din ir-riżoluzzjoni ġiet proposta miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Għaldaqstant, ġie deċiż li għal din il-laqgħa jiġifieri tas-27 ta' Novembru 2008, il-Kunsillier Ian Micallef ser jitnizzel skużat minħabba li ser ikun imsiefer b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

Abażi tad-deċiżjoni milħuqa, l-Kunsillier Malcolm Camilleri ppropona li l-Kunsillieri tal-P.N. jitnizzlu bħala skużati u mhux assenti għall-laqgħa tat-30 t'Ottubru 2008.

Invista tal-kuntest kif spjegat u bħala *gesture* ta' *goodwill*, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li għandha ssir din il-korrezzjoni wkoll u għalhekk il-minuti għandhom jiġu approvati b'din l-emenda.

## 2. Materji Konnessi

**2.1. Paġna Nru: 6 para 3.7 –** kienu ġew ikkuntattjati ż-żewġ ditti għax-xogħol ta' spezzjonar ta' *Storm Water Culverts* bis-*CCTV system* li kienu d-ditta *Polisan* u l-*General Ecological Services Co. Ltd* iżda din ta' l-aħħar biss kienet irrispondiet u l-prezz kien ta' €414.16 VAT inkluża kull *water culvert* spezzjonat u mnaddaf kif ukoll is-servizz tal-Gwardjani Lokali kien inkluż fil-prezz kwotat. Mill-*Cleansing Services Department* kienet intbagħtet *breakdown* tax-xogħlijiet meħtieġa fi Triq ix-Xatt.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela sabiex jiġi kkonfermat ix-xogħol ta' spezzjonar fuq diversi *culverts* mid-ditta *General Ecological Co. Ltd.* bil-prezz hawn fuq imsemmi kif ukoll il-manifatura u bdil ta' kaptelli , tiswija tal-*culvert* u tal-bankina ħdejn il-*bus stop* faċċata tal-K.F.C. għalll-prezz ta' €320.00 mingħajr VAT.

**2.2. Paġna Nru: 7 para 3.8 –** inqrat parti mit-*tender* dwar il-latrina pubblika mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Matul id-diskussjoni li saret fejn fost affarijiet oħra, l-Kunsill iddiskuta jekk il-kuntratt għandux ikun sospiż jew terminat, il-Kunsill qabel unanimament li għandna nirreferu għall-Avukat tal-Kunsill, Dott. Edward Woods sabiex jigwida lill-Kunsill x'kienu r-responsabbilitajiet tiegħu lejn il-kuntrattur biex b'hekk tkun tista' tinħareġ l-ittra.

Il-Kunsill ġie nfurmat li kienu ġew installati iż-żewġ *mobile toilets* għall-prezz ta' €5 *each unit daily + VAT* u li t-tindif tagħhom kien ser isir kuljum f'nofs in-nhar.

Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li fl-opinjoni tiegħu dawn għandhom jitnaddfu anke filgħodu kmieni.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li nikkuntattjaw lid-ditta Greenlines sabiex naraw kemm kienet ser tkun l-*extra charge* għat-tindif ta' filgħodu u jekk il-Kunsill japprovaha, ssir prova ta' xahar.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 842 sa Nru. 878 (ara *Appendix* Nru.1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Saru xi kjarifiki rigward:

*Request Sheet* Nru: 849 – *Infinite Fusion Technologies* - €1155.67 *replacement parts* għan-*network* tal-Kunsill

*Request Sheet* Nru: 860 – FECC – l-ammont huwa ta' €23.29

*Request Sheet* Nru: 871 – Longbow Ltd – 200 *plastic bags* għall-*litter bins* il-kbar fi Triq ix-Xatt għall-ammont ta' €37.76, il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jġib aktar kwotazzjonijiet.

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru. 842 sa Nru. 878 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**5. Mozzjoni - re konservazzjoni ta' l-enerġija u sabiex jitnaqqas il-konsum ta' elettriku**

**5.1.** Minħabba l-fatt, li l-Kunsillier Ian Micallef bħala proponent tal-mozzjoni hawn fuq imsemmija ma kienx preżenti, ġie deċiż li din tiġi diskussa waqt laqgħa li jkunu preżenti ż-żewġ Kunsillieri jiġifieri Malcolm Camilleri u Ian Micallef.

**6. Diskussjoni re *tender* tal-*Collection & Separation at Source of Household and Commercial Waste and the Hiring of Skips.***

**6.1.** Matul id-diskussjoni li saret rigward is-suġġett sopraċitat, il-Kunsill qabel unanimament, li invista kemm tar-riforma dwar il-Kunsilli Lokali u dik ta' l-iskart mill-Gvern Ċentrali għandha tintbagħat ittra lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment, għat-talba li saret mill-kuntrattur preżenti ta' żieda ta' 10% fuq il-prezz attwali anwali mħallas mill-Kunsill liema prezz imħallas jirrifletti ċirkustanzi ta' erba' snin ilu meta dan kien rebaħ il-kuntratt.

Fl-ittra tiegħu l-Kunsill għandu jispjega li din it-talba kienet qed issir invista tar-riformi msemmija u dan għaliex wara li jiġu ppubblikati l-Kunsill jigwida ruhu bir-riżultati tagħhom.

**8. *Tender for the Upgrading Works At Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira***

**8.1.** Tlieta kienu t-*tenderers* li ssottomettew:

| | |
|---|---|
| *V & C Contractors* – Mosta | €175,904.57 VAT inkluża |
| *Polidano Bros Ltd.* – Luqa | €151,184.55 VAT inkluża |
| *Road Maintenance Services* | €149,614.74 VAT inkluża |

Wara diskussjoni qasira, fejn din it-*tender* ma ngħatatx, l-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat bis-Sindku bħala *Chairman* u fin-nuqqas tiegħu jkun il-Viċi-Sindku, l-Kunsillieri Joe Camilleri u Malcolm Camilleri flimkien mal-Perit tal-Kunsill, Joe Bugeja sabiex jiġu evalwati s-sottomissjonijiet li l-Kunsill irċieva u titħejja r-rakkomandazzjoni.

**9. *Tender for the Installation & Commissioning of Lifting Platform – Activities Centre Gżira***

**9.1.** Tqassmet *spreadsheet* lill-Kunsillieri (ara *appendix* nru: 2). Erbgħa *tenderers* issottomettew li kienu:

| | | |
|---|---|---|
| Steve's Engineering | €11,682.00 | VAT inkluża |
| Titan International Ltd | €15,087.00 | '' |
| Elmein Ltd | €10,200.00 | '' |
| Panta Marketing Serv. Ltd | €16,221.00 | '' |

Wara diskussjoni qasira, fejn il-Kunsill fela bir-reqqa l-i*spreadsheet* hawn fuq imsemmija mħejjija mis-Sotto-Kumitat maħtur (magħmul mis-Sindku u l-Kunsillieri Joe Camilleri u Malcolm Camilleri ) kif ukoll, ha nkonsiderazzjoni r-rakkomandazzjoni li għamel dan il-Kumitat, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri, li t-*tender* tingħata lid-ditta Steve's Engineering għar-raġuni li din kienet ser tissupplixxi u tinstalla l-*lift* fi żmien erba' ġimgħat mid-data tal-konferma (*Letter of Acceptance*) u ġimgħa wara kienet ser tagħmel ir-*running, testing and handing over* ta' l-installazzjoni kompleta kif ukoll, il-qies kien dak kif speċifikat fit-*tender* minħabba l-fatt, li l-*lift* hu mibni lokali u l-qisien li sottomettew it-*tenderers* l-oħra ma kienux jissodisfaw l-eżiġenzi tal-Kunsill.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-27 ta' Novembru 2008 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat li t-Tnejn 1 ta' Diċembru 2008, kienet ser issir l-inawgurazzjoni tad-dawl tal-Milied fi Pjazza Meme' Scicluna kif ukoll, approva unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku l-ammont ta' €70 lis-Sur David Grasso bħala parti mill-ispejjeż għal din l-attivita'

**3.4.** Ingħata rendikont tal-laqgħa li saret fis-27 ta' Novembru 2008, fit-3.00 p.m. dwar il-*Bus Shelter* fi Triq D'Argens mad-Direttur ta' l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku li għaliha attendew il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Joe Camilleri fejn fost affarijiet oħra ntqal li d-ditta Gasan Properties Limited kienet qed tagħmel *claim* li l-*bus shelter* hawn fuq sopraċitat kien fuq propjeta' privata u biex jibqa' hemm kienet qed titlob kumpens jew jitneħħa minnufih kif ukoll, l-A.D.T. infurmat li l-Gvern jista' jesproprja l-art.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li tittieħed id-deċiżjoni wara li jkollu l-opinjoni ta' l-Avukat tal-Kunsill għax il-pożizzjoni tal-Kunsill kienet li jobdi l-liġi.

**3.5.** L-Għaqda Mużikali Mount Carmel Gżira fil-laqgħa anwali li saret il-Ħadd 26 t'Ottubru 2008, unanimament reappuntat lis-Sindku Dott. Chris Bonett bħala President Onorarju ta' l-Għaqda.

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament li jibdew jintbagħtu kemm l-*Agenda* hekk kif din tiġi ppubblikata kif ukoll, il-minuti wara li dawn jiġu approvati mill-Kunsill lis-Segretarjat Kunsilli Lokali, Partit Laburista.

**3.7.** Il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' t-talba tal-Perit J. Zerafa Boffa dwar il-*Kiosk* fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira u li din il-laqgħa għandha ssir mal-Kunsillier Anthony Abela għan-nom tiegħu.

**3.8.** Ġie deċiż li l-Kunsillier Joe Camilleri kellu jkejjel il-bankina fi Triq ix-Xatt quddiem il-*Waterfront Hotel* sabiex flimkien mal-kummenti tal-Kunsill jintbagħtu lill-*Estate Management Department* fi żmien stipulat għat-talba biex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina li saret mill-lukanda hawn fuq imsemmija.

**3.9.** Il-Viċi-Sindku kellu jattendi għal *half day seminar* dwar *Educational Programmes 2007-2013* li kien ser isir fl-1 ta' Diċembru 2008, fit-8.30 a.m. fil-Lukanda La Meridien Phoenicia Floriana organizzat mill-EUPA.

**3.10.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li tiġi nstallata *bollard* għat-talba li saret mis-Sur Joe Filletti, resident ta' Helena Flats fi Triq Luqa Briffa

minħabba l-fatt, li l-entratura prinċipali tal-*flats* tkun ostakolata b'van li jkun qed iħott merkanzija minn *store* li qiegħed taħt il-blokk tal-*flats*.

**3.11.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela sabiex jinxtara *heavy duty cast iron with iroko wood bench* għall-prezz ta' €437.00 + VAT sabiex jiġi nstallat fi Pjazza Meme' Scicluna. Il-Kunsillieri kollha qablu meta dawn kienu ġew infurmati verbalment qabel ma saret l-ordni.

**3.12.** Il-Kunsill qabel unanimament, li għandha tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja f'isem Joseph Dimech wara li l-Perit kien iċċertifika li x-xogħol fuq il-bankina quddiem il-propjeta' Nru: 9 Pjazza Meme' Scicluna kien sar skond l-ispeċifikazzjonijiet pero' kellha tinżamm is-somma ta' €100.00 għall-installazzjoni tal-bank imsemmi f'paragrafu 3.11. Jekk kemm –il darba l-bank jiġi nstallat mis-Sur Joseph Dimech, dan l-ammont jerġa' jingħata lura wara li jkunu tnaqqsu l-ispejjeż tal-Perit li jammontaw għal €54.96.

**3.13.** Il-Kunsillier Joe Camilleri kellu jattendi għall-Konferenza Nazzjonali tat-Trasport Pubbliku li kellha ssir il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2008, fil-*Hotel Intercontinental* San Giljan fid-9.00 a.m.

**3.14.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jingħata l-ammont ta' €150.00 għall-armar ta' l-arbli matul ix-Xatt kif ukoll, fi Pjazza Meme' Scicluna għad-dawl tal-Milied lill-Kumitat Festi Esterni.

**3.15.** Ġie deċiż li t-talba għall-*loading/unloading bay* fi Triq il-Madonna tal-Ġebla, is-Sur Joseph Borg propjetarju ta' l-X-Zone għandu jibgħata lid-Direttorat għall-Immaniġjar tat-traffiku bħala l-Awtorita' kompetenti.

**3.16.** Inqrat *e-mail* mibgħuta lill-banek dwar talba għas-somma ta' €2,329.37 bħala parti minn *sponsor* ta' żewġ pitturi ta' Esprit Barthet ta' meta kien joqgħod il-Gżira. L-ammont oriġinali mitlub kien ta' €6,988.12 iżda jekk jixtrihom il-Kunsill, il-prezz ikun ta' €4,658.75. Ġie spjegat li l-Kunsill kien diġa' sab *sponsor* mid-ditta GasanMamo Ltd ta' €2329.37 bil-kundizzjoni li d-differenza ta' l-istess ammont ma tintalabx lill-kumpanija oħra ta' Assikurazzjoni kif ukoll, li l-Kunsill għandu juri dawn il-pitturi lil xi espert ta' l-arti.

**3.17.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 10. Affarijiet Oħra

**10.1.** Il-Kunsillier Joe Camilleri ressaq *invoice* f'isem il-Kunsill Lokali Gżira ndirizzata lis-Sur Clive Demicoli dwar il-ħlas ta' *boundary wall* għas-sit li hemm fi Triq Sliema, Edgar Bernard u Turu Rizzo.

Huwa kompla jgħid, li dan l-*encroachment* ilu mwaqqaf mill-1 ta' Settembru 2002 sa l-aħħar ta' Diċembru 2008 jiġifieri 2,402 ġurnata. Huwa qal ukoll, li kien talab lill-Perit tal-Kunsill sabiex jieħu l-metraġġ tas-sit hawn imsemmi li kien 143 metri kwadri u li l-ammont totali kien ta' €800,106.20.

**10.2.** Il-Kunsillier Joe Camilleri ppreżenta mozzjoni li kien ser iressaq waqt il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li għandha ssir fl-10 ta' Diċembru 2008, dwar ħela ta' riżorsi umani u nfieq ta' flus tal-Kunsill biex il-pubbliku jkun jista' jikri s-servizz ta' Gwardjani Lokali (*extra service)*.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mal-mozzjoni wara li din għandha tiġi emendata biex tiżdied il-frażi 'sabiex jiġi determinat jekk hemmx bżonn is-servizz tal-Gwardjan Lokali' wara l-kliem 'imur l-uffiċċju tal-Kunsill'.

**10.3.** Il-Kunsillier Malcolm Camilleri telaq fit-8.30 p.m. minħabba mpenn ieħor.

## 11. Laqgħa Oħra

**11. 1** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gzira Local Council

Ref No: K380/119/08

November 2008 KLG5/24

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 842 | G4S (Malta) Cash in transit August 2008 | 30.26 | 5679 |
| 843 | G4S (Malta) Cash in transit October 2008 | 22.69 | 5680 |
| 844 | Melita p.l.c. Hello service 08/11/08 – 07/12/08 | 168.63 | 5660 |
| 845 | Melita p.l.c. inv.25799684 01/11/08/31/12/08 | 23.30 | 5661 |
| 846 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 10269 Job No: 7609 Traffic Signs | 76.28 | 5705 |
| 847 | Sierra Book Distributors invoice No: 46113 Books for Public Library | 25.97 | 5662 |
| 848 | S. Rausi Trading invoice 21053398 Drinking Water | 38.82 | 5663 |
| 849 | Infinite Fusion Technologies invoice 9345 network switch & cabinet | 1155.67 | 5685 |
| 850 | J.F. Mallia Ltd invoice 21 manut. Bozoz diversi toroq. | 133.67 | 5701 |
| 851 | J.F. Mallia Ltd invoice 19 manut. Bozoz diversi toroq | 117.89 | 5697 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 852 | Conmal Ltd invoice No: 1241 – manut Bozoz | 161.94 | Cancelled |
| 853 | J.F. Mallia Ltd invoice 016 – manut Bozoz | 30.28 | 5698 |
| 854 | MITTS invoice SIN020865 – Maintenance & Connectivity period Jan – Dec 2008 | 1,910.31 | 5664 |
| 855 | Ms Nathalie Camilleri Librarian services from January – Occtober 2008 | 1,050.00 | 5652 |
| 856 | C.S.D. Office Trade invoice: 23799 stationery | 24.78 | 5665 |
| 857 | Malta Institute for Computer Sciences difference/computer course appr 17/06/08 invoice No: 188 | 81.00 | 5666 |
| 858 | Media Link Invoice 040286 2 advts Tenders 01/08 & 02/08 | 122.72 | 5667 |
| 859 | A.K.L. Performing Rights 06/08/08 to 05/08/09 | 20.00 | 5668 |
| 860 | FECC (Federation of European Carnival | 23.29 | 5704 |
| 861 | GO plc tel: 21322157 inv. 21247964 Calls Oct. Rent: November | 197.43 | 5669 |
| 862 | GO plc tel: 21334254/21341034 invoice 21247121 Calls Oct. Rent Nov 08 | 54.73 | 5670 |
| 863 | GO plc tel: 21341616 inv: 21247132 Calls Oct. Rent Nov.08 | 22.98 | 5671 |
| 864 | Environmental Landscapes Cons. Ltd. invoice 4549 – Oct. 2008 | 2212.92 | 5699 |
| 865 | Allied Newspapers Invoice No: AS1308206 2 advts tenders 01/08 & 02/08 | 164.73 | 5700 |
| 866 | Squire Bookshop invoice 6795 Newspapers October 2008 | 35.82 | 5690 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 867 | Steve R. Farrugia Invoice 52 street sweeping grass cutting mechanical sweeping (45 min) | 4627.28 | 5676 |
| 868 | Steve R. Farrugia invoice 48 Extra Services Sundays | 378.52 | 5677 |
| 869 | Union Press invoice No: 42210 – 2 advts tenders 01/08 and 02/08 | 137.35 | 5678 |
| 870 | Alberta fire safety security invoice 40685 2 new fire extinguishers | 88.00 | 5703 |
| 871 | Longbow Ltd invoice 69748 – 1 pkts x 200 plastic bags for litter bins | 37.76 | 5689 |
| 872 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397660 Door to Door for the month of November 08 | 5590.50 | 5672 |
| 873 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397661 Hire of Skips for the month of November 08 | 432.87 | 5673 |
| 874 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397662 Services Public Convenience October 2008 | 836.06 | 5674 |
| 875 | Mr. Em. Mifsud invoice 2397663 Bulky Service for the month of October 2008 174 Calls | 952.48 | 5675 |
| 876 | Mr. Joe Borg invoice No: 95 Ducks | 46.59 | 5688 |
| 877 | The Toolbox – 8131 – 8129-8083-8082-8070-8035-8112 | 69.62 | 5687 |
| 878 | Stardelta Hardware Store invoice No: 3993421-424-423-425-418-428 | 190.76 | 5702 |